**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Frar, 2019**

**Rikors nru: 468/17 AGV**

AB

Vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fil-21 ta' Novembru, 2017 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fis-6 ta' Gunju, 2001 (Dok.A) mil-liema zwieg twieled it-tifel D (Dok.B).

2. Illi l-kontendenti sseparaw skond kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fit-13 ta' Mejju, 2013 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Henri Darmanin (Dok.C).

3. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba' snin separati u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw.

4. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonjiet pendenti dwar manteniment.

5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li huwa mehtieg skond il-ligi:-

1.Tiddikjara d-divorzju u/jew hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Gunju, 2001.

2.Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Ra l-affidavit tar-rikorrent li kkonferma li kienu zzewwgu fis-6 ta' Gunju, 2001 u li minn dan iz-zwieg kien twieled tifel D, li twieled fis-16 ta' Frar. 2000.

Ighid li fit-13 ta' Mejju, 2013 kienu sseparaw legalment skond kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Henri Darmanin.

Jikkonferma ukoll li minn meta sseparaw sal-lum hu u l-intimata qatt ma rrikonciljaw u li ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

Jikkonferma ukoll illi m'hemmx kwistjonijiet ta' manteniment pendenti bejniethom kemm ghall-intimata kif ukoll ghal binhom D.

Rat ir-Risposta tal-intimata li eccepiet illi:-

1.Illi l-esponenti tiddikjara illi hija taqbel mal-kontenut tar-rikors, ghajr ghal fatt illi r-rikorrent naqas milli jiddikjara li hemm arretrati ta' ghall-hlas ta' spejjes ta' edukazzjoni tal-minuri kif provduti fl-Artikolu 4 (c) tal-kuntratt ta' separazzjoni anness bhala Dok."C" mar-rikors promotur.

2.Illi l-ispejjes ghall-edukazzjoni tal-minuri qed jigu murija fid-dokument anness mmarkata bhala Dok."RAM1" liema dokument qieghed jigi mahluf mill-esponenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tikkonferma li huma sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Henri Darmanin datat 13 ta'

Mejju, tas-sena elfejn u tlettax (2013) u li ma hemmx prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

4. Illi ghaldaqstant l-esponenti, sakemm ikun hemm hlas ta'l-ispejjes ta' edukazzjoni kif deskritti fin-nota mahlufa u annessa u li jammontaw ghal hamsa u ghoxrin elf sitt mija sebgha u erbghin Euro wiehed u tlettin centezmu (€25,647.31), ma topponix ghat-talba ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet kif dedotta fir-rikors tar-rikorrenti AB.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-affidavits tal-partijiet, flimkien mad-dokumenti hemm annessi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**FATTI**

1.Il-partijiet kienu zzewwgu fis-6 ta' Gunju, 2001 u li minn dan iz-zwieg kien twieled tifel D, li twieled fis-16 ta' Frar, 2000.

2. Illi fit-13 ta' Mejju, 2013 kienu sseparaw legalment skond kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Henri Darmanin.

3.Ir-rikorrenti jikkonferma li minn meta sseparaw sal-lum hu u l-intimata qatt ma rrikonciljaw u li ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Jikkonferma ukoll illi

m’hemmx kwistjonijiet ta’ manteniment pendenti bejniethom kemm ghall-intimata kif ukoll ghal binhom D.

4. L-intimata tikkonferma dak kollu li stqarr ir-rikorrenti, salv ghall-kwistjoni ta’ manteniment, ghax tinsisti li r-rikorrenti kellu xi arretrati riwgard spejjes ta’ edukazzjoni xi hallas u qabel ma jigi ppronunzjat id-divorzju tinsisti li dawn l-ispejjes iridu jithallsu.

5. Mis-sena skolastika 2013/2014, bin il-partijiet, li qabel kien student li kien igib marki gholjin, kien beda jmur lura fl-iskola. Ghalhekk matul is-sajf, l-intimata kienet iddecidiet li tbiddilu l-iskola minn St. Elias College ghal San Anton School peress li l-marka tieghu kienu baxxi u kien qed jipprepara ghall-O’Levels u kien jidher minghajr motivazzjoni, apparti li kien xi problemi mas-surmast. Meta nfurmat lir-rikorrent b’dan kien infurmaha li ma kienx dispost li jhallas aktar flus milli kien qieghed ihallas.

L-intimata tistqarr illi hi kienet disposta li tiehu r-responsabbilita’ ta’ dawn l-ispejjes fuqha u r-rikorrent jibqa’ jhallas kif kien qed jaghmel u cioe’ johrog l-istess ammont ta’ spejjes li kien johrog meta t-tifel kien jattendi St. Elias College. Eventwalment, tghid l-intimata ma kienx hemm pendenzi ohra, ghajr ghal fatt li ma kienx jidher li kien hemm hlas ghall-iskola u lanqas ghall-kotba u lanqas ghall-hlasijiet tal-O’Levels.

Kien ukoll f’dan il-perjodu, cioe’ fis-sajf tal-2014, li r-rikorrenti emigra b’mod permanenti lejn il-Germanja.

6. Wara li l-minuri D spicca l-iskola b’mod posittiv b’disgha O’Levels, f’April, 2016 kien intaghzel minn fost sebghin tifel biex jidhol f’akkademja tal-futbol fl-Inghilterra. L-intimata tghid li kienet infurmat lir-rikorrenti dwar l-ispiza oltre

dak kopert mill-ischolarship. Izzid tghid ukoll li dina kienet il-holma tieghu. Izda l-intimata tispjega illi r-rikorrent qatt ma hallas ghal din l-ispiza, minkejja dak li kien hemm stipulat fil-kuntratt u spiccat li kellha tiffinanzja kollox hi. Ghalhekk qabel ma jinghata d-divorzju trid li l-ewwel ir-rikorrent ihallas l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf seba' mija disgha u hamsin Euro u hamsin centezmu (€22,759.50).

7.Ir-rikorrent jispjega illi wara li ssepara minn mal-intimata ma kienx rah jew ikellem lil ibnu. Kien ghamel tentattivi biex jikkomunika mieghu, izda gew irrifjutati u kien anke ghamel tentattivi tramite l-Qorti biex jara lill-ibnu, izda mbaghad ma kienx baqa' jinsisti. Madanakollu jispjega illi kien jiehu interess fl-edukazzjoni tat-tifel u dejjem hallas l-ispejjes edukattivi tieghu sakemm kien ghadu jattendi St. Elias College, sakemm imbaghad minn jeddha l-intimata ddecidiet li tohorgu minn din l-iskola peress kien hemm kwistjonijiet mas-surmast u kien ghalhekk li kienet bghatitu l-iskola San Anton., skola privata. Ir-rikorrent ighid li l-intimata ma kinitx ikkomunikat mieghu f'dan ir-rigward, izda kienet qaltlu meta kien infurmaha li kien sejjer joqghod permanentement il-Germanja.

Ighid li kienet qaltlu li peress li l-mizata tal-iskola kienet ferm ghola minn dak li kien qieghed ihallas ghall-minuri kienet disposta li tkompli thallas l-iskola gdida u hu seta' jkompli jhallas kif kien ihallas qabel meta t-tifel kienet jattendi l-Iskola ta' San Anton. Waqt li t-tifel kien qieghed St. Elias College, kien dejjem ihallas il-mizata fl-ammont ta' erba' mija u seba' Euros (€407), izda malli gie nfurmat li kien ser jattendi l-Iskola San Anton, ighid li ddecieda li jghaddi l-ammont ta' sitt mitt Euros (€600) lill-intimata biex ighinha fl-ispejjes tal-ewwel darba.

8.Ir-rikorrent jispjega li f'klawsola 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni kien hemm ftehim li decizjoniet rigward il-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament,

filwaqt li genitur wiehed seta' jiehu decizjoni jekk kemm il-darba jkun hemm bzonn ta' emergenza. Ir-rikorrent jishaqq li ma sar xejn minn dan kollu.

9.Ir-rikorrent jistqarr li kemm il-darba kien staqsa lir-rikorrent biex jinghata access mis-sistema kompjuterizzata tal-iskola sabiex isegwi l-andament tal-minuri. Dan kien ghall-habta ta' Settembru jew Ottubru, 2014. Ighid li qatt ma nghata l-access ghas-servizz. Ighid ukoll li kien hallas l-ispejjes li kienu jirriflettu l-ispejjes tal-iskola li kien jattendi l-minuri qabel l-Iskola ta' San Anton u jikkonferma li ma kienx rah progress f'ibnu.

10.Ir-rikorrent jispjega li xi xahrejn wara kien minn jeddu kkomunika mal-intimata biex ihallas l-ispejjes tal-ahhar terminu skolastiku u kien rega' talabha biex ikollu s-sistema online tal-iskola. L-intimata riedet li biex taghmel arrangjamenti biex ikollu sistema online kien irid ihallas nofs l-ispejjes tal-iskola u ighid li fl-istess email[1] kienet qaltlu li kienet qed tippretendi biss li jhallas il-manteniment ta' kull xahar.

11.Ir-rikorrent jinsisti li l-intimata ma kinitx infurmatu li wara li spicca l-iskola, it-tifel minuri kien rebah scholarship tal-futbol gewwa l-Inghilterra u ma kinitx ikkonsultat mieghu. Izid ighid li l-ispejjes relatati mal-FAB Academy ikopru l-ispejjes edukattivi kif ukoll l-ispejjes tal-akkomodazzjoni. Ighid li l-intimata kienet infurmatu li fuq medda ta' sentejn l-ispejjes tal-edukazzjoni kienu jammontaw ghal sitt elef u tmien mitt lira Sterlina.

12.L-intimata tghid ukoll li r-rikorrent ma kienx ghamel il-pagamenti ta' kontribuzzjonijiet ghall-ispejjes edukattivi meta biddlitlu l-iskola. In

[1] Ara fol.77 tal-process.

opposizzjoni ta' dan, ir-rikorrent ighid li minn meta l-intimata biddlitlu l-iskola kien ghamel numru ta' pagamenti relatati mal-edukazzjoni, minkejja li d-decizjoni kienet li hi u nzamm fid-dlam b'mod intenzjonat u ghal daqshekk zmien.

13.Ir-rikorrent itenni li l-intimata qed taghmel minn kollox biex izommu 'l boghod minn ibnu. Ighid li ommu bghatitlu rigali ta' flus u kartolina ghal diversi okkazzjonijiet minn meta sseparaw, izda l-istess cekkijiet qatt ma gew imsarrfa.

14.Ighid li l-intimata kellha kull okkazzjoni biex taghmillu hajtu difficli u dan jidher minn meta fetah id-divorzju, ghax sa dan iz-zmien qatt ma kien hemm talba ghall-ispejjes edukattivi, ghax kienet konsapevoli li kellha terfa' l-piz hi gialdarba kienet hadet id-decizjoni li tbiddel l-iskola tal-minuri. Izid ighid ukoll li peress li ghadda hafna zmien kien illegali li jigu rikjesti dawn il-flus peress li gew kollha sostnuti b'ammont ta' xhur u snin ilu.

15.Fl-ahhar ir-rikorrent ighid li m'ghandu jaghti ebda manteniment peress li kien ghadu sal-lum ihallas dan il-manteniment allavolja it-tifel kien ghalaq tmintax-il sena (18) ftit xhur ilu u jghid li m'ghandhux informazzjoni cara ohra jekk it-tifel kienx qieghed jattendi edukazzjoni fuq bazi full time.

**Konsiderazzjonijiet**.

**Artikolu 66B tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"**66B.** *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) "fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) "ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) "il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*"Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*"Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*"Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi."*

**L-Artikolu 57 tal-Kapitolu 16,** li ghalih issir riferenza fl-Artikolu 66B(c) hawn fuq citat, jipprovdi s-segwenti:-

*"Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jigu fdati l-ulied minuri tal-mizzewgin, il-mizzewgin jibqghu fil-jedd li jaraw li kollox qieghed isir sewwa ghal dak li huwa manteniment u edukazzjoni u jibqghu obbligati li johorgu s-sehem li jmisshom ghall-manteniment u edukazzjoni skond il-ligi."*

**Artikolu 66D sub-inciz 2 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi

*2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(a) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċili għall-istess parti l-oħra illi tikseb il- ħlas tal-manteniment. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba.*

**Ikkunsidrat;**

Mill-provi prodotti ma jidhirx ikkontestat li l-konjugi B kienu sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin fit-13 ta' Mejju, 2013. Ghalhekk jirrizulta li effettivament ghaddew l-erba' snin mitluba mid-disposizzjoni tal-Artiklu 66B tal-Kodici Civili.

Illi jirrizulta ukoll illi ma tezisti l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ghalhekk dan ir-rekwizit jinstab soddisfatt ukoll.

Mill-provi jirrizulta ukoll illi l-partijiet kienu ddekadew mid-dritt ta' manteniment minghand xulxin, ghajr ghat-tifel D li llum ghandu 19-il sena. Skond klawsola 4C tal-kuntratt ta' separazzjoni kien gie miftiehem illi r-rikorrent kellu jhallas manteniment ghall-minuri, dak iz-zmien is-somma ta' erba' mija hamsa u sebghin Euro (€475) fix-xahar sakemm jaghlaq 23 sena, jekk ikun ghadu qed jistudja full-time jew sa 18-il sena jekk le.

Imbaghad dwar l-ispejjes edukattivi skond klawsola 4C tal-istess kuntratt kien gie miftiehem hekk:-

***"Il-partijiet qedghin jaqblu li l-ispejjes tal-edukazzjoni konsistenti fil-mizati tal-iskola, kotba tal-iskola, transport ghall-iskola, uniformijiet tal-iskola, …..kollha tal-minuri Kyle Robert ghandhom jithallsu bejn il-partijiet b'mod ugwali u dawn ghandhom jieqfu mal-manteniment."***

L-Artikolu 4B tal-istess kuntratt jistipula illi:-

***"Decizjonijiet dwar is-sahha, l-edukazzjoni u t-trobbija tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament bejn iz-zewg partijiet pero' l-minuri ser ikun qieghed jirrisjedi mal-mara…."***

L-artiklu 19 tal-Kodici Civili jaghti d-definizzjoni ta' manteniment, li apparti li jinkludi l-affarijiet bazici bhall-ikel u hwejjeg, jinkludi ukoll spejjes edukattivi u tas-sahha.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi gie stabbilit li bin il-partijiet kien qed joqrob biex jaghmel l-O-Levels u ma kienx qed imur tajjeb fl-iskola li kien jattendi St. Elias College u kien jidher minghajr motivazzjoni. Kien ghalhekk li l-intimata kienet iddecidiet li tibghatu l-iskola ta' San Anton fejn spicca ghadda minn disa' O'Levels.

Jidher pero' li l-intimata kienet infurmat lir-rikorrent biss meta kien infurmaha li kien ser imur ighix il-Germanja permanentement u dan meta diga' kellha kollox ippjanat, minghajr ma kkonsultat mieghu. Kien hawn li gharrfitu li kienet iddecidiet li tbiddel l-iskola tat-tifel. Fil-fatt jirrizulta li hemm "thread" ta' emails bejn ir-rikorrent, l-intimat u l-avukat taghha. Ta' min jinnota li l-intimata saret taf li r-rikorrent kien ser jitlaq b'mod permanenti minn Malta f'Lulju, 2014 u fl-istess gurnata tkellmet mal-avukat taghha fejn staqsietu ***"Should I tell about the school now?"*** u kien biss fid-19 ta' Awissu, 2014 li hasset il-htiega li tinfurmah li t-tifel kien se jibda jattendi l-iskola San Anton.

Fl-istess email ir-rikorrenti tghid hekk:-

***"I want you to be informed that as from this scholastic year, D has been enrolled at San Anton School.***

***School fee is €1,500 per term and transport fee is €168 per term. I do not expect you to pay the difference in price from St. Elias College. It is entirely up to you if you want to do it.***

***We have two options either to share the same costs that we did before i.e. you pay half for school books, uniform and half of the school and transport fees***

***paid at St. Elias or you can decide to help me pay for San Anton fees too. I'm fine with both options. Please advise."***

Ir-rikorrent kien ghamilha cara li ma kienx dispost li jhallas l-ispejjes relatati mal-iskola San Anton, pero' kien dispost li sabiex tibda thallas dawn l-ispejjes ighaddi lill-intimata s-somma ta' €600, minghajr pregudizzju ghall-pagamenti li jkun hemm bzonn fil-futur. Nel frattemp, l-intimata tikkonferma tramite l-emails mibghuta bejniethom, li gialadarba r-rikorrent ma kienx f''posizzjoni li jhallas l-ispejjes edukattivi kienet disposta li taccetta din id-decizjoni tieghu.

Ir-rikorrent jinsisti li kien ghamel xi pagamenti ohra, pero' ma gabx provi in sostenn ta' dan. L-intimata tinsisti ukoll li baqa' lanqas ghamel il-pagamenti l-ohra li kien accetta li jhallas bhall-spejjes relatati ma' kotba u uniformijiet.

Jirrizulta li in segwitu, l-intimata kienet hadet decizjoni li tibghat lill-minuri gewwa akkademja tal-Football, precisament FAB Academy, l-Inghilterra. Ir-rikorrent jinsisti li ghal darb'ohra din kienet decizjoni li hadet l-intimata wahedha minghajr ma kkonsultat mieghu u ghalhekk irrifjuta li jikkontribwixxi ghal dawn l-ispejjes. Hu hawn sa certu punt, il-Qorti ttih ragun, izda ghandu jigi ukoll kkunsidrat illi ghalkemm binhom D kien ghadu kemm spicca l-iskola sekondarja, vera kien ghadu minorenni, izda ma kienx zghir u kien matur bizzejjed biex jesprimi dawk ix-xewqat tieghu. Dan huwa perjodu ta' zaghzugh fejn qieghed jiskopri lilu nniffsu u milli jidher bin il-partijiet kellu hafna potenzjal bhal footballer. Kien anke ta' eta' fejn kien tfarfar sew u kien f'posizzjoni li jibda jiehu d-decizjonijiet fl-interess tieghu. Ghalhekk jekk kellu hafna talent fl-isport tal-football u kellu namra partikolari ghal dan l-isport, hija haga naturali li kien ser juri l-interess li jattendi l-akkademja, minflok ikompli bit-tghallim terzjarju.

L-attendenza fil-FAB Academy ta' binhom kienet wahda difficli, izda b'hiltu, intghazel u zgur bhala genitur li ghandu l-interessi ta' ibnu l-ewwel u qabel kollox, kellu jaccetta din l-ghazla. Facilment seta' jasal biex jakkuza lill-intimata li ma kinitx ottemperat ruhha mal-kuntratt ta' separazzjoni, ghax hadet id-decizjoni hi, pero' hija haga realisitika li tifel ta' sittax-il sena ha jesprimi dak li jixtieq u bhala genituri ghandhom jevaluwaw ic-cirkostanzi u jekk hux fl-interess tat-tifel. L-izball kien li din id-decizjoni kienet wahda unilaterali, minkejja li fl-ahhar kien iholl u jorbot jekk D, jghaddix mit-*trials* biex jibda jattendi l-akkademja. Il-Qorti minn ezami akkurat tal-akkademja jirrizulta li hija akkademja edukattiva u sportiva fl-istess waqt u ghalhekk jekk binhom kellhu dik il-potenzjalita' u fil-fatt rebah scholarship, kien ikun dnub li kieku telfulu l-opportunita'. Anke jekk ir-rikorrent jisfida li jhallas peress li ma kienx ko-partecipi fid-decizjoni u l-Qorti tifhem peress illi l-kuntratt ta' separazzjoni huwa *pacta sunt servanda*, il-hlas kien ser ikun investiment fil-futur ta' binhom, apparti li kien obbligu tal-istess rikorrent li jaghmel il-kontribut tieghu ghal dan l-aspett edukattiv fil-hajja ta' ibnu. Oltre minn hekk, apparti l-fatt li kollox kien jiddependi minn ghazla minn fost 70 student li applikaw u parti mill-mizati huma sponsorizzati.

Il-Qorti ghalhekk tifhem ir-rikorrent illi joggezzjoni ghal tali hlas peress li d-decizjonijiet ma kienux qed jittiehdu flimkien bhala genituri ta' D. Pero' ma taqbilx mar-rikorrent li ai termini tal-Artikolu 66D il-hall taz-zwieg kellu jinghata peress li l-ispejjes incidentali ghall-manteniment ma jinkwadrawx ruhhom fl-ambitu ta' dan l-Artikolu. Li t-tifel jattendi l-Akkademja tal-Football hija ukoll parti mill-edukazzjoni tieghu u ghaldaqstant jiffurmaw parti integrali mill-obbligu tal-ispejjes edukattivi.

Fis-sottomissjonijiet tieghu, ir-rikorrent ighid li l-intimata ma setghetx topponi ghad-divorzju ghab-bazi li kien hemm pendenzi fuq il-manteniment ghax din

kienet preskritta (kwinkwennali). Jigi pprecisat illi r-rikorrent qatt ma qajjem din l-eccezzjoni ghar-risposta tal-intimata, izda madanakollu, fir-rigward tas-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet jekk il-pretensjoni tal-konvenuta ghall-arretrati ta' manteniment hiex preskritta jew le, din il-Qorti qed taghmilha cara illi ma hiex ser taghti gudizzju fir-rigward ghaliex il-kawza odjerna ghab-bazi tal-Artikolu 66D ma hiex kawza ghal kanonizzazzjoni ta' kreditu. Dikjarazzjoni gudizzjarja fil-kawza odjerna dwar il-preskrizzjoni o meno tal-pretensjoni tal-intimat tkun manifestament "extra petita".

Illi minn dan kollu huwa car u manifest ghall-Qorti li r-rikorrenti abdika mir-responsabbilta' tieghu lejn il-minuri ibnu. Huwa evidenti mill-provi li fis-sajf tal-2014, ir-rikorrenti mar jghix il-Germanja u halla lill-intimata u lit-tifel ifendu ghar-rashom. Huwa minnu wkoll li l-manteniment thallas regolarment mill-istess rikorrenti, flimkien ma' spejjez ohra addizzjonali, izda huwa evidenti wkoll li ma riedx jippartecipa fil-hlas tal-mizati tal-iskola San Anton, ghall-ahhar sentejn tal-edukazzjoni sekondarja ta' ibnu, u l-anqas hallas xejn ghall-edukazzjoni terzjarja tat-tifel. Ir-rikorrenti jirrifjuta illi jeffettwa dan il-hlas fuq il-pretest li dawn id-decizjonijiet ma ttiehdux minnu izda mill-intimata biss, a kuntrarju ta' dak stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni. Il-Qorti tifhem li r-rikorrenti seta' hassu urtat mill-intimata meta din ikkomunikatlu x'kien ser jigri fil-hajja akkademika ta' ibnu, izda l-Qorti fl-istess waqt tifhem lill-omm li taghmel minn kollox ghal binha biex tara li l-futur tieghu jiksbu minghajr xkiel. Huwa tassew uniku li tfajjel ta' sittax-il sena jinghata l-opportunita' li jsir 'player' professjonali tal-'football', u jintaghzel minn fost hafna zghazagh mal-Ewropa kollha biex jikseb dan. Hija hasra u ta' ghajb li r-rikorrenti ma warrabx is-sentimenti negattivi lejn l-intimata u baqa' jimpika maghha anki fuq l-edukazzjoni ta' ibnu.

Mill-provi prodotti jidher li l-intimata hija omm li taghmel hafna sagrificcji ghal-binha u dejjem harset l-interessi tieghu u sahansitra lanqas biss kienet hasset il-

htiega li titlob lir-rikorrent ihallas ghall-arretrati ta' manteniment sakemm infurmaha li kien ser imur ighix permanentement il-Germanja. Hi dejjem zammet ir-riedni f'idejha u mexxiet, sew bl-ghajnuna u minghajr ghajnuna finanzjarja tar-rikorrent, li ma tantx jidher li kien generuz ma' ibnu u il-Qorti tifhem ghalfejn hafna drabi l-intimata agixxiet unilateralment.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-intimata, tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Anthony Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**